Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR SARAH MAGRI) V. ALBERT SPITERI (KI. 27172M)

(SEWQAN TA' VETTURA BI TRASKURAĠNI, B'NUQQAS TA' KONT JEW B'MOD PERIKOLUŻ – KAP. 65 ART. 15(1)(A) – OFFIŻA GRAVI FUQ TERZ MINĦABBA NUQQAS TA' ĦSIEB, TRASKURAĠNI JEW NUQQAS TA' THARIS TAR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU – KAP. 9, ART. 328(C) – L-OBBLIGU TAS-SEWWIEQ LI JŻOMM A PROPER LOOKOUT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta' Ottubru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Albert Spiteri, detentur tal-karta tal-identità numru 27172M imwieled il-Pietà fis-17 ta' Diċembru 1971 u residenti s-Siġġiewi ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversement presjeduta, tas-16 ta' April 2018,

wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Frar 2020 li permezz tagħha *inter alia* dik il-Qorti iddeċidiet li tannulla s-sentenza appellata u ordnat r-rinviju tal-atti lil din il-Qorti sabiex terġa tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid,

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-3 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi,

wara li rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li żammet seduta fis-27 ta' Mejju 2021 li matulha il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu illi m'hemmx provi aktar x'jinġiebu salv għal xi dokumenti (ritratti) li ġew esebiti mid-Difiża,

wara li rat l-atti u d-dokumenti kollha,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sarah Magri,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Michael Tanti-Dougall,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli fis-27 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' 18:30 fi Triq il-Wied, Il-Qrendi, filwaqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBJ947:

    1. B'nuqqas ta' ħsieb jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat ma' serkin u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Ludovic Ghigo,

    2. B'nuqqas ta' ħsieb jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa minħabba f'hekk Ludovic Ghigo bata offiża gravi fuq il-persuna, li tkun ġabet konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali skont kif iċċertifika Dr. Josef Mifsud,

    3. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata,

    4. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;

    5. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

    6. Naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien ħiereġ għal fuq triq prinċipali.

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

3. Permezz tas-sentenza tagħha tas-16 ta' April 2018 din il-Qorti diversement presjeduta ikkonstatat li bi kliemu stess kien hemm nuqqas ta' "*proper lookout*" min-naħa tal-imputat meta qal li ħareġ biċċa żgħira, ma raħx, naqqas għax ħaseb li għamietu x-xemx. Qalet ukoll li l-nuqqas ta' *proper lookout* kien jidher ċar milli l-imputat ma waqafx dead stop u billi ma rax dak li kellu d-dover li jara. B'hekk il-Qorti ddeċidiet kif ġej:

   "***Tara l-ariklu 328d u b, Kap 65 Artiklu 15(1)(a) u 2, S.L. artiklu 76, ssibu ħati ta' l-istess u tikkundannah multa ta' €1164.69 u sospensjoni tal-liċenzji kollha tiegħu għal ħmistax.***"

4. L-imputat appella minn din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar 2020 ddeċidiet kif ġej:

   ***"Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame, qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi."***

5. Din il-Qorti diversement presjeduta appena rċeviet l-atti lura astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża stante illi kienet diġa ppronunzjat ruħha fuqha u din il-kawża imbagħad ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

6. Din il-Qorti għad li ma' kelliex il-benefiċċju li tisma x-xhieda quddiema, madanakollu qrat it-testimonjanza tax-xhiedha kif ġew traskritti u/jew mniżżla fil-verbali u rat ukoll id-dokumenti li ġew ippreżentati mid-Difiża fl-unika seduta li saret quddiemha, ċioe fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

7. Fix-xhieda tiegħu mogħtija bil-mezz tal-affidavit, **PS 1042 A. Caruana**, qal illi fis-27 ta' Lulju 2017 għall-ħabta ta' 18:30pm il-Pulizija tal-Għassa taż-Żurrieq ġiet infurmata illi ġewwa Triq il-Wied, Qrendi kien hemm ħabta bil feruti. Ix-xhud irrikorra fuq il-post flimkien ma' PC 1411 fejn hemmhekk sab vettura li kien għad kemm kellha impatt ma' persuna li kienet qed issuq żiemel permezz ta serkin. Ġie stabbilit li x-xufier tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBJ947 kien ċertu Albert Spiteri detentur tal-karta tal-identità numru 27172M, fejn dan min-naħa tiegħu stqarr illi kien qed isuq il-vann tal-għamla Ford Transit u kien ħiereħ mis-side road għal ġewwa Triq il-Wied, Qrendi (Triq prinċipali) u bix-xemx ma ra lil ħadd u ħareġ.

F'dak il-ħin sema persuna jgħajjat u waqaf iżda laħaq laqatha. Dan il-persuna kien fuq is-serkin u kien qed isuq żiemel fid-direzzjoni lejn iż-Żurrieq. L-imputat ma sofra ebda ġrieħi f'dan l- inċident. Il-vettura ġarrbet ħsara fuq il-mudguard u fuq ix-xibka ta' quddiem. Is-sewwieq li kien qiegħed fuq is-serkin, ċertu Ludwig Ghigo detentur tal-karta tal-identità 550583M, ma setax jiġi mitkellem u ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei għal aktar kura medika. Iktar tard dan ġie ikkurat minn Dr. Josef Mifsud (Med. Reg. 3231) li ċċertifikah li kien qed isofri minn ġrieħi gravi iżda mhux fil-periklu tal-mewt.

8. Il-Pulizija għamlet kuntatt ma' Ludwig Ghigo fejn dan stqarr illi dakinhar tal-inċident kien tiela l'fuq minn Lapsi u l-karozza l-oħra baqgħet ħierġa minn ġo sidestreet. Qal li x-xufier tal-karozza bid-daqqa qelbu. Ghigo ippreżenta ukoll ċertifikat mediku mill-Veterinarju L.& A Borg għall-ġrieħi Ii sofra iż-żiemel, liema ċertifikat ġie anness mar-rapport.

9. Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 xehed il-*parte civile* **Ludovic Ghigo** li fost affarijiet oħra kkonferma li huwa kien tiela "*bit-tektika*" isuq żiemel bis-serkin minn Lapsi lejn Haġar Qim u l-imputat ħariġlu minn *side street*. Jgħid illi *"x'ħin kont tiela jiena rajtu lil dan il-vann ġej u ħsibtu ħa jieqaf għax hemm biex jieqaf hemm hekk u bqajt tiela' hekk bil-mod u ħassejtu fl-aħħar qisu tlett (3) metri hekk / erba' (4) taħ il-gass u għajjatlu biex jieqaf u tajjarni"*. In kontroeżami kkonferma illi t-triq minn fejn kien għaddej hija wiesa u għandha żewġ karreġġjati, li l-ħajt fit-triq huwa baxx (xi żewġ filati u li ma' kienx hemm siġar biex jgħattu l-vista. Ikkonferma li s-serkin huwa ta' kulur aħmar iżda innega li kien hu li baqa' dieħel ġol-vettura tal-imputat. Jgħid li d-daqqa ħadha hu u mhux iż-żiemel li kien quddiem. Madanakollu fi kliemu, bid-daqqa iż-żiemel intrewa u huwa tar. Ippreċiża illi l-vettura tal-imputat daħlet fuq ix-xarretta li kellu wara ż-żiemel, qabel ir-rota tagħha. Bid-daqqa ittajjar hu bis-serkin b'kollox. Is-serkin inqabel fuq il-ġenb. X'ħin kien mal-art b'id minnhom telaq ir-riedni taż-żiemel u bl-id l-oħra prova jdawwru biex iżommu.

10. Fl-istess seduta xehed il-veterinarju **Dr. Louis Borg** li kkonferma bil-ġurament tiegħu t-tlett rapporti rilaxxati minnu fis-17 ta' Ottubru 2017, 15 ta' Awwissu 2017 u 28 ta' Lulju 2017[1]. Ikkonferma li għad li feriti esterni ma' kellux iż-żiemel dan kien qed isofri minn uġiegħ f'diversi partijiet f'ġismu inkluż fix-xikel. Ikkonferma illi l-

---

[1] Fol 14-16

*parte civile* kien juża s-servizzi tiegħu fil-passat u li mill-memorju tiegħu ma' jiftakarx li huwa qatt kien ra ż-żiemel qabel għal xi mard jew *injuries.*

11. Fis-seduta tas-16 ta' April 2018 il-Prosekuzzjoni esebiet l-affidavit tat-tabib **Dr. Josef Mifsud**[2] li spjega illi huwa kien eżamina lill-*parte civile* fis-27 ta' Lulju 2017 fis-7pm u sab li kien qed isofri minn diversi fratturi, laċerazzjonijiet inkluż fir-ras, fil-wiċċ, fix-xedaq u fl-għonq. Il-Prosekuzzjoni esebit ukoll l-affidavit tat-tabib **Dr. Marius Abela**[3] li kiteb il-*case summary* li ġie esebit[4] u li minnu jirriżulta l-perkors tas-sitwazzjoni medika akuta li għadda minnha l-imputat mid-dħul tiegħu fl-Emerġenza fis-27 ta' Lulju 2017 sar-rilaxx tiegħu ftit jiem wara.

12. Fl-istess seduta xehed **Chris Vassallo** li skond in-notamenti mniżżla fil-verbal tas-seduta: *"ta' stima tax-xarretta ta' €250".*

**Provi mressqa mid-Difiża**

13. Fl-istess seduta xehed l-imputat **Albert Spiteri.** Fin-notamenti mniżżla fil-verbal tas-seduta hemm indikat is-segwenti:

    *"Kien gej bil-vann ma' ibnu bejn Hagar Qim u Ghar Lapsi u kien sejjer iħallas l-insurance għal ibnu. Hemm hekk ma hemmx stop sign. Meta sema' "Oh", waqaf, kien ghadu kif beda hiereg, ra l-gerrej jinqaleb, ra lil parte civile itir, il-parte civile baqa' jzomm iz-ziemel u waqaf ftit il-boghod minnu. Iz-ziemel ried jibqa' hdejn il-parte civile. Cemplu lil ambulanza u l-familjari ta' Ludvic. L-imputat kien hareg bicca zghira fit-triq li kien gej iz-ziemel. F'dik it-triq jghaddu zewg karozzi. Iz-ziemel ma rahx. Kontro ez Hu naqqas qabel waqaf. Kienet ix-xemx fil-mument ta' l-incident. L-ghada rega' mar fuq il-post u ra l-veduta kollha."*

14. Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 id-Difiża esebiet sett ta' ritratti bil-kulur meħuda minn iben l-imputat, liema ritratti ġew esebiti bħala Dok AS1 sa Dok AS 10. F'dawn ir-ritratti jidhru l-ħsarat fuq il-vettura tal-imputat, diversi viżwali tal-lok fejn seħħ l-inċident, ritratt meħud minn fuq il-*Google Maps* u ritratt tal-post ftit ħin wara li seħħ l-inċident.

---

[2] Fol 41
[3] Fol 42
[4] Fol 38-40

**Kunsiderazzjonijiet**

15. Qabel xejn jingħad mill-Qorti li għalkemm fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 il-Prosekuzzjoni kienet talbet korrezzjoni sabiex iżżid imputazzjoni fir-rigward tal-uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn li allegatament l-imputat ġiegħel liż-żiemel jsofri, u minkejja li ġiet esebita kopja aġġornata tal-akkużi[5], madanakollu ma' jirriżulta mkien fl-atti li l-Qorti qatt laqgħet din it-talba. Għalhekk il-Qorti qed tqis illi din l-imputazzjoni ma' ġietx imressqa fil-konfront tal-imputat u kwindi m'għandiex għalfejn tieħu in konsiderazzjoni x-xhieda tal-veterinarju Dr. Louis Borg fir-rigward tal-ġrieħi li seta' ġarrab iż-żiemel.

16. Inoltre, għalkemm fis-seduta tas-16 ta' April 2018 xehed Chris Vassallo u dan *" ta' stima tax-xarretta ta' €250"*, mill-atti tal-proċess il-Qorti ma' jirriżultalha l-ebda stima u kwindi ma' jistax jitqies li tressqet prova suffiċjenti sabiex jiġu ppruvati l-ħsarat allegatament sofferti mill-*parte civile.* Għalhekk l-ewwel imputazzjoni ma' tistax tirriżulta.

17. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-*Patients Certification Form* esebita a fol 4 tindika li l-ġrieħi li ġarrab l-*parte civile* kienu ta' natura gravi iżda din ma' ġietx ikkonfermata bil-ġurament fl-ebda stadju tal-kawża. Ċio nonostante mill-affidavit tat-tabib Dr. Josef Mifsud u t-tabib Marius Abela u mill-*case summary* esebita jirriżulta bla ombra ta' dubbju li l-feriti kienu gravi stante il-presenza ta' diversi fratturi fil-ġisem tal-*parte civile.* L-imputazzjoni (Kap. 9, Art. 328(d)) però tirriavisa mhux biss l-offiża gravi iżda addirittura dik gravissima taħt l-Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi kif ġej:

***'218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin -***

***(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;***

***(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***

[5] Fol 13

***(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.***

***(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.'***

Ma' jirriżultax lill-Qorti illi ġie tressqu xi provi li l-ġrieħi li sofra l-*parte civile* jikkonsistu f'xi sfreġju jew difett permanenti jew li x'aktarx ser ikunu permanenti. Għalhekk kemm il-darba jirriżulta lill-Qorti illi l-imputat b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkawża offiża lill-*parte civile,* din tkun fil-grad inqas ta' offiża gravi taħt l-Art. 328(c) u mhux ta' offiża gravissima taħt l-Art. 328(b).

18. Fir-rigward tas-sewqan traskurat, perikoluż u bla kont, ingħad fil-ġurisprudenza tagħna illi

*"...jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. Pol. vs. Charles Bartolo , 14.3.59; Pul vs. Wilson , Vol. XXXIX , p.1018; Pul. vs. Alfred Vella , Vol. XLIV , p. 933 u ohrajn ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perioluz (App. Krim. Pol. vs. Hardingham , 19.10.63) . Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia , Vol. XXXIUX , p.1018) . "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. "Pul vs. Joseph Aqulina" 20.4.63) Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV . p.892)"*[6]

19. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jipprovdi hekk:

***'15. (1) Kull min -***

[6] **Il-Pulizija v. Duncan Galea** (App. Krim. 273/2002 deċiż 30/04/2003 mill-Onor. Imħallef Joseph Galea Debono)

***(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.'***

20. Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdi illi:

***'(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.***

***'(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'***

21. Dwar il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, u bla kont, u kif ukoll dwar is-sewqan b'mod perikoluż il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla  kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi ... sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

22. L-Artikolu 15(1)(a) jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*".  Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser

"*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

23. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

*"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*

*Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

24. Għal dak li jirrigwarda d-dinamika tal-inċident stradali u n-natura tal-kolliżjoni, ma' ġie esebit l-ebda skizz mill-prosekuzzjoni. Fl-istqarrija mogħtija *a tempo vergine* lill-Pulizija, l-*parte civile* stqarr illi l-vettura tal-imputat baqgħet ħierġa minn ġo sidestreet. Fid-deposizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti, il-*parte civile* reġa kkonferma dan u inoltre żied illi huwa kien diġa ra l-vettura tal-imputat waqt li kien tiela t-triq u però ħasbu li ser jieqaf peress illi kien ġewwa *side street*, mentri filfatt dan żied il-gass u baqa' dieħel fuqu u tajjru. L-impatt kien frontali. Min-naħa tiegħu, l-imputat fix-xhieda tiegħu kkonferma dak li qal *a tempo vergine* lill-Pulizija fl-istqarrija tiegħu u ċioe illi huwa kien diġa beda ħiereġ mis-*side road*, kien hemm ix-xemx u meta ma' ra lil ħadd ġej qabad u ħareġ għat-triq prinċipali. Fix-xhieda tiegħu l-imputat insista li ma' kien hemm l-ebda *stop-sign* fit-triq tiegħu.

25. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**Il-Pulizija v. Matthew Vella**' (App. Nru. 375 tal-2017, deċiż 6 ta' Frar 2020 mill-Onor Imħallef Aaron M. Bugeja):

*"Is-sewwieq irid dejjem iżomm proper look-out u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.*

*Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'safe speed fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri, deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -*

*Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the*

*vehicle"... Ma għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati."*

26. L-imputat insista fit-testimonjanza tiegħu li ma' kien hemm l-ebda *Stop-Sign* fil-parti tat-triq minn fejn kien ħiereġ u filfatt d-difiża esebit ukoll ritratt f'dan ir-rigward minn fejn verament ma' jidhirx li hemm din it-tabella jew xi sinjali mal-art li jindikaw lis-sewwieqa li għandhom jieqfu. Madanakollu l-Qorti ma' tarax kif fatt bħal dan jista' jimmilita favur l-imputat ġaladarba m'huwiex kuntestat illi huwa kien ħiereġ minn *side-road,* ossia triq meqjusa sekondarja, għal fuq triq prinċipali u għaldaqstant kien obbligat skond il-liġi[7] illi jagħmel il- wisa' u jagħti d-dritta lit-traffiku għaddej mit-triq prinċipali. Filfatt in-nuqqas tal-imputat li jeżerċita l-prewkazzjonijiet meħtieġa f'dan ir-rigward hija ravviżata fis-sitt imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u tirriżulta pruvata 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

27. Lanqas ma' jista jingħad li l-fattur tax-xemx huwa xi fattur li għandu jnaqqas mir-responsablita' tal-imputat li jżomm *a proper lookut.* Anki jekk ikun hemm ostakolu f'nofs ta' triq is-sewwieq mhuwa qatt skaġjonat mir-responsabilta` għal nuqqas li jżomm *a proper lookout.*

28. Mill-provi rriżulta illi l-aġir tal-imputat fis-sewqan kien tali li jikkonsisti fi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u f'tip ta' sewqan li ma' jilħaqx il-livell mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Jirriżulta ukoll 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi dan is-sewqan wassal għal perikolu lil terzi tant illi dan sofra ġrieħi li ġew klassifikati bħala gravi.

29. Għalhekk it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet jirriżultaw pruvati. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ġie ippruvat illi l-imputat wera nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku. Kif ingħad iżjed 'l fuq però, il-ħtija qed tinstab fi grad (fis-sens wiesa tal-kelma) inqas u ċioe mhux taħt l-Art. 328(b) tal-Kap. 9 iżda taħt l-Art. 328(ċ) tal-istess Kap. 9 peress illi rriżultaw feriti gravi u mhux feriti gravissimi. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kif ġa ingħad din ma' tirriżultax peress illi ma' tressqitx prova suffiċjenti dwar il-ħsarat li allegatament ġew ikkawżati lill-*parte civile.*

[7] Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, Art. 76

**Deċiżjoni**

30. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi l-Qorti:**

1. **Tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi,**

2. **Filwaqt li ma' ssibux ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta (Art. 328(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), peress illi *il piu comprende il meno,* issibu ħati li ai termini tal-Art. 328(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkawża offiżi gravi lill-parte civile Ludovic Ghigo,**

3. **Issibu ħati tat-tielet imputazzjoni (sewqan b'manjiera traskurata), tar-raba' imputazzjoni (sewqan bla kont) u tal-ħames imputazzjoni (sewqan perikoluż) – bit-tielet u raba' imputazzjoni ikunu assorbiti fil-ħames waħda – lkoll taħt l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta,**

4. **Issibu ħati tas-sitt imputazzjoni (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, Art. 76) li però qed tiġi assorbita fir-reat ta' sewqan perikoluż ravvisat fil-ħames imputazzjoni.**

**Għalhekk il-Qorti tikkundanna l-imputat jħallas is-somma komplessiva ta' sitt mitt euro (€600) liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' sitt (6) xhur permezz ta' pagamenti mensili ta' € 100 kull xahar b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' xi att ġudizzjarju ieħor.**

**B'żieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal tlett (3) xhur.**

V.G. Axiak                                        Y. M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur